MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 55/1993/1

**Nazzareno Vassallo u Tonio Ellis**
**għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta`**
**kummerċjali ‘Vassallo Builders (Gozo) Limited,**
**u in vista ta’ amalgamazzjonijiet li saru**
**s-socjeta` attrici appellanti**
**llum hija “Vassallo Builders Group Limited”[1].**

**v.**

**Dottor Michael Caruana LL.D. u**
**Joseph Debrincat, fil-kwalita` tagħhom ta’**
**President u Segretarju rispettivament**
**tas-Soċjeta` Filarmonica ‘Leone’ ghan-nom**

[1] Ara verbal quddiem dina l-Qorti tal-14 ta’ Gunju 2010.

**u in rapprezentanza tal-istess socjeta`.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` attrici minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fl-20 ta’ Gunju 2008[2], li cahdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti noe, laqghet l-eccezzjoni fil-mertu, u cahdet it-talba attrici, bl-ispejjeż kontra l-atturi nomine.

Is-sentenza tal-ewwel Qorti sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar tal-istess appell:-
“Il-Qorti,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi nomine, wara li ppremettew illi:

“Billi b’inkarigu tal-konvenuti nomine s-soċjeta` attriċi esegwit xogħlijiet ta’ kostruzzjoni konsistentgi fil-bini ta’ sala fuq in-naħa tal-faċċata tal-Każin, f’Victoria, Għawdex, di proprjeta` tal-konvenuti nomine.

“Billi tali xogħlijiet ta’ kostruzzjoni esegwiti mill-atturi nomine swew komplessivament Lm12,161.358 kif jirriżulta konfermat mill-anness Dokument “X”,

“Billi minn tali ammont komplessiv il-konvenuti nomine baqgħalhom iħallsu lis-soċjeta` attriċi s-sommja ta’ Lm7,161.358, liema ammont baqa’ ma tħallasx nonstante diversi talbiet indirizzati mill-atturi nomine lill-konvenuti nomine.

Talbu lill-konvenuti nomine jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. Tikkundannahom iħallsu lill-atturi nomine s-somma ta’ LM7,161.358 rappreżentanti r-rimanenti bilanc mill-

[2] Fis-sentenza s-sena hija indikata bhala 2000 mhux 2008.

valur tax-xogħlijiet ta’ kostruzzjoni esegwiti mis-soċjeta` attriċi b ‘inkarigu tal-konvenuti nomine fil-fond u bil-mod kif fuq indikat.

“Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali mill-ppreżenti sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti nomine, inġunti personalment għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi nomine kkonfermata bil-ġurament ta' Tonio Ellis.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li eċċepew illi:

“1. preliminarjament in-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti ‘ratione materiae’ billi l-pretensjoni tal-atturi tista’ tkun att ta’ kummerc għalihom iżda mhix att at’ kummerċ għall-konvenuti.

“2. illi fi kwalunjkwe każ l-ammont pretiż mill-atturi m’huwiex dovut billi għalkemm l-atturi kellhom kuntratt ta’ appalt ta’ bini fil-każin Aurora, Republic Street, Victoria, huma abbandunaw ix-xogħol wara li kienu esegwew biċċa minnu u l-konvenuti ħtiġilhom ikompluh u jispiċċawh permezz ta’ kuntrattur ieħor.

“3. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Dr. Michael Caruana LL.D.

“Rat l-atti kollha tal-kawża konnessa fl-ismijiet: "Dr. Michael Caruana et. noe. vs Nazzareno Vassallo et noe." (Citaz. Nru. 15/1993) imħollija għal-lum ukoll għas-sentenza minn din il-Qorti.

“Rat il-verbal tagħha tal-14 ta' Marzu 2008 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

“Rat in-Noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

"Ikkunsidrat:

"Illi din il-kawża tirrigwarda kuntratt ta' appalt li l-konvenuti nomine kienu taw lill-atturi nomine sabiex jibnulhom it-tielet sular tal-każin tal-Banda tagħhom fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex. Wara li fil-kors ta' dawn ix-xogħlijiet inqalgħu xi kwistjonijiet bejn il-kontendenti, l-appalt ġie sfrattat u x-xogħol tkompla minn terzi. L-atturi nomine issa qed ifittxu lill-kontro-parti għall-ħlas tal-bilanc għax-xogħlijiet li laħqu għamlu qabel ma ġew inkarigati t-terzi biex ilestu l-istess xogħlijiet.

"Dan il-kuntratt kien ġie regolat permezz ta' skrittura privata li ġġib id-data tat-12 ta' Lulju 1991.[3] L-atturi nomine intrabtu li jibnu sala tal-kunċerti fit-tielet sular tal-Każin tal-konvenuti nomine u jwettqu xi alterazzjonijiet fil-faċċata, kollox skond il-pjanti provduti mill-perit Emanuel Vella inkarigat mill-istess atturi.[4] Il-bini kellu jsir skond l-ispeċifikazzjonijiet indikati fl-istess skrittura u f'aktar dettal f'lista bi stima tax-xogħlijiet involuti, li ġiet ukoll annessa ma' l-istess ftehim.[5]

"Ġara pero` illi fil-kors ta' dawn ix-xogħlijiet, u hekk kif l-atturi nomine kienu qed joqorbu biex jibdew jaħdmu fuq il-frontispizju, inqalgħu diversi ntoppi. L-atturi nomine ma riedux ikomplu, qabel ma l-kontendenti jkunu qablu sew dwar kif kellu jinbena l-dan il-frontispizju u xi ħlas kellu jsir għal xi xogħol addizzjonali li ma kienx ġie kontemplat fil-kuntratt ta' appalt. Huma dehrilhom illi l-frontispizju, kif iddisenjat, ma kienx ser jirrispetta r-regoli tal-arkitettura klassika, u pproponew illi dan isir mod ieħor, u dana wkoll billi sabu diffikultajiet sabiex jibnuh kif xtaqu l-konvenuti nomine. Imma dawn tal-aħħar baqgħu jinsistu illi riedu jwettqu dak li kien ġie proġettat, u kellhom assikurazzjoni illi x-xogħol seta' jsir kif kien ġie propost minnhom fil-pjanta annessa ma' l-iskrittura tat-12 ta' Lulju 1991. L-atturi nomine lmentaw ukoll mill-fatt illi, peress illi kien sar

[3] Dok. A a fol. 7 - 8 tal-kawza cit.15/1993
[4] ara pjanti Dok. JD a fol. 225 u Dok. EV 3 a fol. 226 fil-kawza cit. 15/1993
[5] Dok. EV 2 a fol. 93 - 94 ibid. .

xogħol addizzjonali, konsistenti f'erba' filati iżjed fuq il-faċċata u travu tal-konkos, u l-ispiża totali kienet ser tlaħħaq ferm iżjed minn dik kontemplata fil-ftehim, riedu li dan jiġi rifless fil-kont finali. Il-konvenuti nomine, minn naħa tagħhom, baqgħu jinsistu illi l-ftehim kien ikopri prezz fiss għax-xogħlijiet kollha meħtieġa, u jekk kien hemm xi żball fil-kalkoli dan kellhom ibatuh l-istess atturi nomine.

“Sadanittant laħqu għaddew bosta ġimgħat bix-xogħol wieqaf, u ħadd ma jrid jiċċaqlaq mill-pożizzjoni tiegħu. Billi l-ħitan u s-soqfa fejn kien qed isir ix-xogħol, ma kienux għadhom ġew imkaħħlin, kien hemm xi skular tal-ilma tax-xita, bil-konsegwenza li pittura fis-soffit tas-sala li tiġi taħt dik li kienet qed tiġi kostruwita xxarbet, u ġarrbet xi ħsarat. Biex ma jibqgħux iżjed f'din is-sitwazzjoni, il-konvenuti nomine mbagħad inkarigaw lill-istess sub-appaltaturi li kienu qabbdu l-atturi nomine biex ikomplulhom ix-xogħol li kien baqa'. Tlesta kollox għas-sodisfazzjon tal-konvenuti nomine, bil-frontispizju jispiċċa jsir kif kien oriġinarjament ippjanat u l-kuntratturi l-ġodda jitħallsu għal dan ix-xogħol li kien baqa' mill-konvenuti nomine.[6]

“Preliminarjament il-konvenuti nomine eċċepew l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie,* billi l-pretensjoni tal-atturi nomine ma kienitx att ta' kummerċ għalihom. Din l-eċċezzjoni seta' kellha xi rilevanza meta kien għadu jeżisti l-Qorti tal-Kummerċ, imma wara l-emendi għal-liġijiet proċedurali fl-1995 ma baqgħalha ebda sinjifikat u għalhekk l-istess eċċezzjoni qed tiġi minnufih miċħuda.

“Fil-mertu mbagħad, jikkontendu illi l-ammont pretiż mhux dovut, għax l-atturi nomine kienu abbandunaw il-kuntratt ta' appalt li kien ġie mogħti lilhom wara li kienu esegwew parti biss minnu. Għalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tara jekk fil-każ in eżami, għandhomx dritt l-atturi nomine jitħallsu tax-xogħlijiet li laħqu esegwew fil-Każin tal-

---

[6] ara dokumenti JD 4, A 13, A 14, JD 3, JD 5, JD 6, JD 7, JD 8, JD 9 a fol. 108 - 118 tal-kawza cit. 15/1993 .

konvenuti nomine, minkejja li ma wettqux il-kuntratt kollu li kien ġie mogħti lilhom. Din l-eċċezzjoni tal-konvenuti nomine hija l-hekk imsejħa ***exceptio inadempleti contractus****.* Ġie spjegat f'dan ir-rigward illi "*Per exceptio inadempleti conractus si intende, come dice il termine stesso, un'eccezione che il debitore (in base a contratto bilaterale) che venga convenuto dalla contraparte per l'esecuzione della sua propria obbligazione, puo' opporre, se la contraparte che agisce contro di lui, non abbia, essa stessa, adempiuto, o non sia pronta ad adempiere*." [7]

“Il-Kodiċi Ċivili tagħna jagħmel aċċenn għal din l-eċċezzjoni fir-rigward biss tal-**bejgħ,** fejn jingħad illi:

"**Il-bejjiegħ mhux obbligat jikkunsinna l-ħaġa jekk ix-xerrej ma jħallasx il-prezz tagħha, ħlief meta l-bejjiegħ ikun ta lix-xerrej żmien għall-ħlas**." [8]

“Madankollu huwa aċċettat fid-dottrina illi din l-eċċezzjoni tista' tapplika anke fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt bilaterali ieħor. "*Ma a nostro parere, e secondo l'opinione prevalente sia in dottrina che in gurisprudenza, l'exceptio inadimpleti contractus puo' venir opposta in ogni altro caso di contratto sinallagmatico. Ne' varrebbe obiettare, in senso contrario, che il codice civile nostro non menziona in alcun suo articolo l'exceptio non adimpelti contractus, mentre ha, d'altra parte, sufficientemente provveduto a tutelare le parti contraenti coll' art. 1165 cod. civ..,* (simili għall-artiklu 1068 kap. 16 tagħna) *relativo alla cosi detta condizione risolutiva tacita. Al silenzio del codice non puo' attribuirsi il significato di esclusione della exceptio n, a. c. perche', con molti altri esempi, puo' facilmente dimostrarsi che non tutto il diritto civile vigente e' contenuto e regolato espressamente nel codice civile. Il codice non contiene che lo scheletro del nostro sistema giuridico privato, mentre i tessuti sono, in gran parte, contenuti nel complesso delle teorie e dei*

[7] Giovanni Pacchioni : Diritto Civile Italiano pte. 2da. Diritto Delle Obbligazioni vol. II.
Dei Contratti in Generale, cap. III. pag. 39 para. 1

[8] art. 1391 kap.16 .

*principii tramandati che si vengono diuturnamente plasmando e riplasmando intorno al codice*." [9]

“Ingħad mill-qrati tagħna dwar din l-eċċezzjoni illi:

"*F'materja ta' kuntratti min jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni li jkun intrabat biha, jkun responsabbli għad-danni u l-kreditur jista' jiġi awtorizzat iwettaq hu stess l-obbligazzjoni bi spejjeż tad-debitur. Madankollu meta tingħata l-eċċezzjoni 'inadempleti non est adimplendum' jista' jkun hemm rabta bejn iż-żewġ obbligazzjonijiet imnissla mill-istess rapport sinillagmatiku. Jeħtieġ li jkun hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-kreditur ikun mixli u dik rifjutata mid-debitur. Fuq kollox in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni irid ikun ta' ċerta gravita'. Meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb għan-nuqqas jew jaċċetta t-tnaqqis f'dak li jistħoqlu li jitħallas. F'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur jista' jagħzel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq ukoll kontra r-rieda tad-debitur jew inkella jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq*." [10]

“Hekk ukoll ġie ribadit illi:

"*Ir-rekwisiti tal-eċċezzjoni 'inadimpleti non est adimplendum' huma tlieta: (i) l-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tiegħu trid tkun parti ntegrali mill-ftehim; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (iii) irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet u ċioe' li n-nuqqas tal-attur relattivament għall- prestazzjonijiet li huwa jesiġi mill-konvenut tkun ta' ċerta gravita'*." [11]

“Irriżulta fil-każ in eżami li l-atturi nomine waqfu mix-xogħlijiet tagħhom hekk kif kienu waslu biex jibdew

---

[9] op. cit. para. 1 pag. 40 .

[10] Prim'Awla : Alexander Bonello noe. Vs Phoenix Co. Ltd. : 25.09.2003 .

[11] Appell Civili : Engineering Services Ltd. vs Reuter Malta Ltd. : 20.10.2003 .

jaħdmu fuq il-frontispizju tal-Każin. Ma riedux ikomplu qabel ma jiġu aċċertati li l-konvenuti nomine kienu jafu eżattament kif dan kien ser jiġi jekk ikomplu bil-pjanti li kienu ġew fornuti lilhom, u għalhekk insistew illi d-dirigenti tal-Każin jippreparaw pjanti *three-dimensional* sabiex ikollhom stampa ċara ta' dak li kienu qed jipproponu. Apparti l-frontispizju kien jonqos ukoll it-tikħil tal-faċċata fejn saru dawn ix-xogħlijiet, il-*finishing* tas-sala tal-kunċerti li kienet għadha kemm inbniet, kif ukoll it-taraġ intern li jikkonduċi għall-istess sala.[12] Ma jistax għalhekk jingħad illi x-xogħol kollu li kien baqa' biex isir ma kienx sostanzjali u parti ntegrali mportanti mill-kuntratt ta' appalt in kwistjoni. L-atturi nomine jiċħdu li huma abbandunaw ix-xogħol. Isostnu biss li ma setgħux ikomplu qabel ma jiġu kjarifikati d-diffikultajiet li nqalgħu waqt il-kors tax-xogħlijiet in konnessjoni mal-frontispizju u x-xogħol addizzjonali li ma kienx ġie kontemplat fil-ftehim.

"Madankollu, dwar il-frontispizju żgur li l-atturi nomine ma jistax ikollhom raġun. Dan għaliex ġialadarba il-pjanti relattivi kienu ġew annessi mal-ftehim tat-12 ta' Lulju 1991 u kienu anke nħadmu l-istejjem a bażi ta' dak kollu li kien qed jiġi propost, u dan sa minn żmien qabel ma ġie ffirmat l-istess ftehim, l-atturi nomine kellhom kull opportunita' jeżaminaw il-pjanti relattivi u jqajmu d-diffikultajiet tagħhom f'dak l-istadju u mhux meta x-xogħol kien ġia daqshekk avanzat. Terġa' ġialadarba kien hemm insistenza da parti tal-appaltanti li dan il-frontispizju jsir kif iddisenjat mill-perit tagħhom, li ta assikurazzjoni li seta' jsir kif ippjanat, ma kellhomx għalfejn l-atturi nomine jibqgħu daqshekk intransiġenti.

"Dwar ix-xogħol addizzjonali, rriżulta minnu illi sakemm kienu għadhom qed jaħdmu l-atturi nomine fuq dan il-proġett, kienu ġia saru xi xogħlijiet żejda li ma kienux inklużi fil-ftehim oriġinali, u minħabba f'hekk kienu daħlu fi spiża żejda li ma kienitx ġiet ikkalkolata. Dan kollu ġie konfermat mill-perit tekniku fir-rapport tiegħu,[13] u mill-kont ppreparat mill-perit Rossignaud inkarigat mill-atturi

---

[12] ara depożizzjoni ta' l-A.I.C. Vella fil-kawża cit. 15/1993 u r-ricevuti in konnessjoni max-xogħol li twettaq mill-kuntratturi l-ġodda .
[13] ara rapport peritali a fol. 79 - 84 tal-kawza cit. 15/1993 .

nomine u ppreżentat fl-atti ta' din il-kawża.[14] Infatti jirriżulta illi sal-mument li l-atturi nomine waqfu mix-xogħol, il-kont kien ġia tela' għal Lm12,161.35,8 , meta kien għad baqa' xi jsir dak kollu li spiċċa sar mill-kuntratturi l-ġodda, kif jirriżulta mir-riċevuti esebiti mill-perit Emanuel Vella fil-kors tas-smiegħ ta' dawn il-kawżi.[15] Apparti l-kwistjoni jekk il-ftehim *de quo* kienx wieħed għal-*lump sum payment* kif qed isostnu l-konvenuti nomine, jew inkella wieħed fejn il-ħlas kellu jsir skond il-kejl, kif jgħidu l-atturi nomine, dawn tal-aħħar xorta waħda ma kienux ġustifikati jieqfu indefinittivament mix-xogħlijiet, meta kienu ġia skorrew id-data li fiha suppost kellu jiġu terminat ix-xogħol, u kienet dieħla sew ix-xitwa, bil-konvenuti nomine ġia ferm preokkupati bil-ħsara li kienet qed tiġi kkaġunata lill-fond tagħhom bil-perkolazzjoni tal-ilma tax-xita, minħabba li ma kienx għadu sar it-tikħil meħtieġ. Jirriżulta għalhekk illi l-kommittenti kienu kostretti jinkarigaw lil ħaddieħor sabiex ilesti x-xogħlijiet mibdija, wara li l-appaltatur abbanduna x-xogħol. Jekk kien hemm xi problema dwar kontijiet, l-atturi nomine ma messhomx waqfu mix-xogħlijiet. Il-liġi tagħti biss fakolta' lill-appaltant sabiex jittermina l-kuntratt meta jrid.[16] Anzi tagħmilha ċara illi jekk ikun hemm xi tibdil l-appaltatur ma jixtax jitlob żieda fil-prezz, oltre dak miftiehem, sakemm dan ma' jkunx "*gravuz għalih*". [17] Dan jista' jfisser biss illi f'ċirkostanzi bħal ma għandna fil-każ in eżami, fejn tassew kien hemm xogħol żejjed ta' ċerta entita' li ma kienx ġie kontemplat fil-ftehim oriġinali, ir-rimedju tal-appaltatur ma kienx li jieqaf mix-xogħlijiet, imma li jonora l-obbbligi tiegħu u mbagħad jirrikorri l-Qorti għall-ħlas tad-differenza, f'każ li jibqa' ma jiftiehemx mal-kommittent. Kif intqal dwar kwistjoni simili fejn l-appaltatur ma riedx ikompli x-xogħol qabel ma jitħallas id-depożitu miftiehem: "*L-appaltatur m'hu intitolat għal ebda kumpens sakemm ma jottemporax ruħu mal-ftehim tal-appalt, jiġifieri li jesegwixxi x-xogħol skond l-arti u s-sengħa. Kien x'kien il-ftehim, dana ġie terminat mill-appaltatur meta żgur li ma kienx kontemplat u għalhekk jista' jingħad li dan ma ottemporax ruħu mal-ftehim tal-appalt. Dan ifissier*

[14] Dok. X a fol. 6 - 8 tal-process .
[15] ara ricevuti esebiti a fol. 108 - 118 tal-kawza cit. 15/1993 .
[16] art. 1640 kap. 16 .
[17] art. 1639 kap. 16 /

*kwindi, li skond it-tagħlim fuq enunċjat l-ebda kumpens m'hu dovut lis-soċjeta' attriċi*." [18]

“Għaldaqstant billi jirriżulta li l-atturi nomine bħala appaltaturi abbandunaw il-kuntratt lilhom mogħti meta kien għad baqa' xogħol konsiderevoli xi jsir fil-Każin proprjeta` tal-konvenuti nomine, hija ġustifikata l-eċċezzjoni tagħhom dwar l-inadempjenza tal-atturi nomine, li in vista ta' dan ma huma ntitolati għal ebda kumpens.

“Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti nomine, tilqa' l-eċċezzjoni fil-mertu tagħhom, u tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi nomine.”

**L-appell tal-atturi nomine**

L-atturi noe hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-Magistrati Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tal-20 ta’ Gunju 2008, u interponew dan l-appell minnha permezz ta’ rikors datat 10 ta’ Lulju 2008. In succint l-aggravji taghhom jistghu jigu sintesizzati hekk:

1. Illi m’huwiex minnu illi kienet is-socjeta` attrici li abbandunat ix-xoghol izda kienu l-konvenuti nomine li tterminaw il-kuntratt ta’ appalt u qabbdu terzi biex jikkompletaw ix-xogholijiet minghajr ma talbu l-ministeru tal-qorti ghax-xoljiment tal-kuntratt ta’ appalt.

2. Illi stante li l-konvenuti nomine qabbdu terzi sabiex jikkompletaw il-kuntratt ta’ appalt u ma nsistewx fuq l-ezekuzzjoni tal-istess da parti tas-socjeta` attrici, ma jistghux jopponu ghall-hlas mitlub minhabba l-eccezzjoni *inademplendi non est adimplendum*.

3. Illi certa konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti m’humiex suffragati mill-provi akkwiziti.

---

[18] Appell Inferjuri : Kurrier Holdiings Limited vs Associated News Limited: 27.10.2000; kollex vol. LXXXIV pt. II. p. 1559; ara wkoll: Prim'Awla: Lino Borg vs Anthony Buttigieg De Piro: 13.1.1995 iċċitata favorevolment f'dik is-sentenza .

**Ir-risposta tal-konvenuti nomine**

1. Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju l-konvenuti nomine jissottomettu illi kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta` attrici, kienet l-istess socjeta` li abbandunat ix-xoghol u dan kif konfortat mill-provi prodotti. Ghaldaqstant, stante li kienet is-socjeta` attrici li abbandunat ix-xoghol ma tistghax issa titlob il-hlas in kwistjoni.

2. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju l-konvenuti nomine jsostnu illi stante li nholqot sitwazzjoni fejn is-socjeta` attrici abbandunat il-kuntratt ta' appalt u huma komplew l-esekuzzjoni tax-xogholijiet permezz ta' haddiehor, fl-azzjoni maghmula mill-appaltatur ghall-hlas tal-appalt jew parti minnu huma jistghu iqajjmu l-eccezzjoni "adimplenti non est adimplendum" li biha jipparalizzaw it-talba tal-atturi.

3. Illi fir-rigward tat-tielet aggravju il-konvenuti nomine isostnu illi, kuntararjament ghal dak sottomess mis-socjeta` attrici, il-Qorti waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha abbazi tal-provi prodotti.

**Fatti tal-kawza**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-appell, din il- Qorti thoss li jkun utili li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:-

L-ewwel nett jigi precizat li dina l-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi, Citaz.Nru. 15/93 fuq l-istess mertu bejn l-istess partijiet u deciza llum stess.

(i) Illi permezz ta' skrittura datata 12 ta' Lulju 1991 il-konvenuti nomine kienu kkoncedew lil socjeta` attrici kuntratt ta' appalt konsistenti f'diversi xoghol ta' bini u xoghol ancillari bil-prezz ta' Lm12,000.

(ii) Illi nonostante li l-imsemmi xoghol kellu jigi mitmum sal-ahhar ta’ Novembru tal-1991, sa kwazi nofs is-sena 1992 l-istess xoghol kien ghadu mhux kompletat.

(iii) Illi inqala’ dizgwid bejn il-partijiet fir-rigward tad-disinn tal-frontispizju u xi xoghol zejjed li s-socjeta` attrici kienet qed tinsisti li tithallas tieghu stante li ma kienx jifforma parti mill-ftehim originali.

(iv) Illi stante li lahaq ghadda xi zmien bil-partijiet jibqghu ma jiftehmux fuq dawn id-divergenzi, saret xi hsara fuq pittura li kien hemm fil-Kazin tas-socjeta` Filarmonika Leone.

(v) Peress li l-partijiet baqghu fermi fuq il-posizzjoni taghhom l-konvenuti nomine inkarigaw terzi sabiex jikkompletaw ix-xoghol li kien ghad baqa’ li jsir, liema xoghol eventwalment gie mitmum mill-istess terzi.

**Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Illi l-**ewwel aggravju** tas-socjeta` attrici jitratta l-kwistjoni dwar min abbanduna l-kuntratt ta’ appalt de quo. Is-socjeta` attrici issostni li kienu l-konvenuti nomine li tterminaw il-kuntratt ta’ appalt, filwaqt li l-konvenuti nomine isostnu li kienet is-socjeta` attrici li abbandunat il-kuntratt ta’ appalt.

Illi jirrizulta mill-provi illi x-xoghol in kwistjoni dam ghal numru ta’ gimghat wieqaf peress li jidher li kien hemm problema da parti tas-socjeta` attrici rigward l-ezekuzzjoni tax-xoghol fuq il-frontispizju u wkoll fir-rigward ta’ pretensjoni ghal hlas ta’ xoghol *extra* imwettaq da parti taghha. Illi dan id-dizgwid qam wara xi xhur li l-istess appalt kien beda jigi esegwit. Il-Qorti hi tal-fehma li jekk verament kien hemm xi diskrepanzi fil-pjanta kif progettata mill-Perit tal-konvenuti nomine kif ukoll fil-prezz li l-istess socjeta` attrici offriet li tahdem bih, prezz li wara kollox suppost inhadem fuq rati komputati mill-Perit tas-socjeta` attrici stess, dan huwa nuqqas imputabbli lill-istess socjeta` attrici. Kien dover taghha li qabel tiehu r-responsabbilta` li tesegwixxi tali xoghlijiet tara li dawn

setghu jsiru u mhux f'nofs l-appalt tqajjem dawn il-kwistjonijiet. L-istess haga jista' jinghad ghall-hlas zejjed li kienet qeghdha tippretendi s-socjeta` attrici. Il-kliem tal-kuntratt ta' appalt huwa car u ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni. Is-somma li giet mifthema ghall-appalt kollu skont il-pjanta annessa u d-deskrizzjoni tax-xoghol fuq l-istess kuntratt kienet dik ta' Lm12,000 u xejn iktar. Jekk kien hemm xi zball dan m'ghandhomx ibatuh il-konvenuti nomine ghax huma accettaw il-prezz li taghthom l-istess socjeta` attrici.

F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghall-awtur **Marco Vitalevi** ("Appalto di opere e lavori sia privati che pubblici", para. 288), citat b'approvazzjoni fis-sentenza "**Roberto Micallef noe -vs- Joseph Mamo pro et noe**", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Marzu 1939, li jispjega l-posizzjoni hekk:-

"*Il prezzo delle opere e` il corrispettivo della loro esecuzione. Quindi, per regola generale, a ciascuna quantita` di opere corrisponde la sua quantita` di prezzo e la ragione di esigerla. Questo e` il pricipio generale della materia. Ma la regola stessa subisce delle modificazioni, secondo le diverse modalita` sotto cui venne convenuto l'appalto. Se l'opera fu locata in ragion di un tanto ogni misura od unita` di peso, allora ad ognuna di queste unita` di lavoro compiuto sara` esigibile il relativo unitario prezzo, ancorche` l`intera opera non trovisi compiuta nel suo complesso organico. E infatti la legge stessa all'art 1638 (* Art 1657 tal-Kodici Civili Taljan, korrispondenti llum ghall-Artikolu 1637 tal-Kodici Civili taghna) *spiega come nel lavoro diviso a pezzi o a misura il pagamento della merce debbasi fare in proporzione del lavoro fatto e misurato.*"

Illi l-hlas ta' Lm5000 lis-socjeta` attrici mill-konvenuti nomine kien akkont tax-xoghol kollu kontrattat u, kif jghid subinciz (3) tal-Artikolu 1637 tal-Kapitolu 16, "*minghajr mputazzjoni ghall-ebda bicca partikolari ta' dak ix-xoghol."*

Illi gialadarba qed tigi dibattuta l-kwistjoni dwar il-prezz, issir referenza ukoll ghal Artikolu 1639 tal-Kodici Civili, liema artikolu jiddisponi:-

*"L-appaltatur li jintrabat li jtella' bini, jew xoghol iehor kbir, skond pjanta stabbilita u miftehma ma' min tah ix-xoghol, ma jista' jitlob ebda zieda fil-prezz, minhabba li jkun zdied il-prezz tal-haddiema jew tal-materjal, jew minhabba li fil-pjanta ikun sar xi tibdil jew zieda, li ma jkunux gravuzi ghalih."*

Illi mill-provi jirrizulta illi ma sar l-ebda tibdil jew zieda fil-pjanta annessa mal-kuntratt u ghalhekk is-socjeta` attrici ma kinitx gustifikata fit-talba taghha ghal zieda fil-prezz.

Illi l-interpretazzjoni logika li ghandu jinghata l-agir tas-socjeta` attrici, u cioe` li ghamlet diversi gimghat bix-xoghol wieqaf meta kienet taf bil-preokkupazzjoni tal-konvenuti nomine minhabba x-xita, hija li kienet s-socjeta' attrici li abbandunat l-appalt.  Ghaldaqstant ma hemm xejn izjed x'inghad dwar l-ewwel aggravju u ghalhekk qed jigi michud.

Illi fir-rigward tat-**<u>tieni aggravju</u>** s-socjeta` attrici jsostni li l-fatt li l-konvenuti nomine qabbdu terzi sabiex ikomplu l-kuntratt ta' appalt dan igib il-konsegwenza illi huma jridu jhallsu dak dovut lis-socjeta` attrici ghax-xoghol esegwit minnha.  Is-socjeta` attrici ssostni li ladarba l-konvenuti nomine ma insistewx fuq l-ezekuzzjoni tal-kuntratt, allura ma jistghux jopponu l-hlas dovut abbazi tal-eccezzjoni "*inademplenti non est adimplendum"* ghax id-dritt ta' hlas ma giex ikkancellat, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Illi s-socjeta` attrici tikkwota diversi sentenzi in sostenn tal-argumenti taghha.  Pero` dawn is-sentenzi ma jattiljawx ezattament ghall-kaz in ezami stante li hemm si trattava ta' xoghol difettuz esegwit mill-appaltatur u mhux ta' dizgwid bejn l-appaltant u l-appaltatur kif kellu jsir frontispizju u dwar hlasijiet addizzjonali.  Kif wiehed jista' japprezza ic-cirkostanzi huma differenti mill-kaz odjern.

Illi fil-kaz *de quo* jirrizulta, anke mir-relazzjoni peritali, illi l-konvenuti nomine uzufruwew mix-xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici. Kif isostni r-**Rubino** fil-monografija tieghu "**L'Appalto**" (UTET, Torino, 1958), "*stante la sua stessa accettazione o utilizzazzione della parte eseguita, neanche ora il committente puo' pretendere che l'inadempimento parziale sia trattato come inadempimento totale, e quindi non puo` esimersi dal corrispondere un adeguato compenso pero quella parte*".

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li la l-konvenuti nomine ma sabu l-ebda diffikulta li jkomplu fuq ix-xoghol imwettaq mis-socjeta` attrici huma ghandhom jikkumpensawha ghax-xoghol minnha esegwit. Jirrizulta illi l-konvenuti nomine kienu lahqu hallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm5000. Illi kieku s-socjeta` attrici ikkompletat l-appalt kien ghad baqaghlha tircievi hlas ta' Lm7000. Madankollu sabiex il-konvenuti nomine ikkompletaw l-istess xogholijiet permezz ta' terzi huma hallsu is-somma ta' Lm6703.79[19]. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi l-bilanc dovut lis-socjeta` attrici huwa dak ta' Lm296.21 u cioe d-differenza fil-prezz bejn it-Lm12,000 stipulati fil-kuntratt ta' appalt u l-Lm11,703.79 li effettivament hallsu l-konvenuti nomine sabiex gie fi tmiemu l-progett in kwistjoni.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi milqugh limitatament ghas-somma ta' 689.98 Ewro ekwivalenti ghal Lm296.21.

Fir-rigward tat-**<u>tielet aggravju</u>** s-socjeta` attrici tilmenta li l-ewwel Qorti waslet ghal certa konkluzzjonijiet li m'humiex suffragati mill-provi akkwiziti, bhal perezempju li l-frontispizju inbena fuq id-disinn originali. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha akkwiziti u minn imkien ma jirrizulta illi l-ewwel Qorti setghet tasal ghal xi konkluzjoni differenti. M'huwiex korrett dak li ssostni s-socjeta` attrici illi l-perit tekniku fir-raba' pagna tar-relazzjoni tieghu[20] issottometta li l-frontispizju inbena minn terzi kif propost mis-socjeta` attrici.

---

[19] Ara xiehda ta' J.Debrincat a fol 146 et sec. u Dokti. JD 2 sa JD 9 a fol 112-118.
[20] Ara fol 83.

Illi s-socjeta` attrici ma taqbilx ukoll li x-xogholijiet li saru minn terzi kienu "sostanzjali" kif deskritti mill-ewwel Qorti u dan stante li l-hlas li sar lit-terz kien ta' Lm600. Izda hawn is-socjeta` attrici kienet qieghdha tinjora certi hlasijiet li ma kinux inkluzi fil-kuntratt ta' appalt tat-terz. Is-somma mhallsa sabiex dan il-progett seta' jigi kompletat wara li nqala' d-dizgwid bejn il-partijiet kienet ta' Lm6,703.79, liema somma fil-fehma ta' din il-Qorti hija wahda sostanzjali meta paragunata mal-ammont tal-appalt moghti lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk lanqas f'dan l-aggravju s-socjeta` attrici m'ghandha ragun.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-appell qieghed jigi limitatament milqugh fis-sens illi filwaqt li qieghed jigi konfermat li s-socjeta` attrici abbandunat il-kuntratt lilha moghti meta kien ghad baqa' xoghol konsiderevoli xi jsir fil-Kazin tal-konvenuti nomine, ma hix gustifikata l-eccezzjoni tal-istess konvenuti illi l-ebda ammont m'hu dovut stante l-abbandun tax-xoghol, u ghalhekk qeghdha tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' 689.98 Ewro.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, dawk relattivi ghat-tieni istanza jigu spartiti kwantu ghal zewg terzi a kariku tas-socjeta` attrici u terz ghall-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------